MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 268/2011

**E. & S. Barbara Limited (C 34228)**

**Vs**

**W & M Zammit Tabona Limited (C 723)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta’ €6357.08 rapprezentanti arretrati ta’ kontijiet tad-dawl u ilma, kif ukoll hsarat fir-rigward tal-appartament numru 3, xahrejn kera, kontijiet tad-dawl u ilma u hsarat fl-appartamenti 7 u 10 u affarijiet neqsin u danni ohra fl-imsemmija appartamenti jiffurmaw parti minn kumpless ta’ appartament bl-isem Silvio Flats, Emanuel Galizia Street, Ta’ Xbiex li kienu mikrija lill-konvenut mis-socjeta’ attrici liema konvenut, interpellat anke permezz ta’ ittra bonarja

tal-14 ta’ Gunju 2011 sabiex jhallas l-istess, baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta’ intimata li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2011 (fol 6 tal-atti).

Rat in-nota tal-istess socjeta’ attrici a fol 7 ibid li biha cediet s-sorte waqt li zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Rat il-Kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 ibid) li bih is-socjeta’ attrici riedet tipprova li s-socjeta’ konvenuta hi debitrici taghha limitatament ghall-ispejjes.

Rat li avolja waqt is-seduta talum stess, is-socjeta’ konvenuta giet imsejjha diversi drabi, din ma dehritx quddiem il-Qorti u ghalhekk ghandha tigi kkunsiderata wahda kontumaci dejjem in rigward l-ispejjes biss.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte f’dan il-kaz u tiddikjara l-procediment ezawrit dejjem in rigward is-sorte u l-meritu tal-kaz, tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ispejjes kollha ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------